MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 1461/2004

**Middlesea Insurance p.l.c. (C-5553) proprio u kif surrogata, sija bil-polza ta' assigurazzjoni sija bil-Ligi, fid-drittijet tal-assigurata taghha Frances Barbara, u l-istess Frances Barbara (ID 123354M)**
**vs**
**Mario Cassar**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Lulju, 2004, fejn intalab il-hlas ta' hames mija u tmien liri Maltin u erbghin centezmu (Lm508.40), rapprezentanti danni kagunati f-incident awtomobilistiku li sehh fit-18 ta' Lulju, 2002, fiz-Zejtun, bejn il-konvenut filwaqt li kien qed isuq il-vettura Mini Minor numru tar-registrazzjoni ABD-643 minghajr kopertura assikurativa, b'negligenza, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku habat fil-vettura Opel Astra numru tar-registrazzjoni EBD-462 misjuqa di**

**propjeta` ta' Frances Barbara, u assigurata mas-socjeta` attrici.**
**Il-konvenut minkejja li gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas baqa' inadempjenti.**
**Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 26 ta' Marzu, 2004, u bl-imghax legali pagabbli mid-data tan-notifika ta l-Avviz lill-konvenut, kontra l-istess konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fl-4 ta' Jannar, 2005, fejn intqal :**
**i. Illi in kwantu ghar-responsabilita` tal-incident in kwistjoni qatt ma kien hemm kontestazzjoni dwarha u ghalhekk il-konvenut ma ghandux ibati l-ispejjez kollha tal-kawza.**
**ii. Illi in kwantu ghad-danni, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-atturi ma segwewx il-principju tal-minimizzazzjoni tad-danni hekk kif huma obbligati u dana bi pregudizzju tal-konvenut.**
**iii. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost id-danni reklamati mill-atturi huma fi kwalsiasi kaz esagerati.**
**Salvi eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.**

**Semgha x-xhieda ta' Frances Barbara, Wayne Attard, Omar Mifsud u Mario Cassar. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri jittrattaw il-kaz..**

**Ikkunsidra :**
**1. Dan il-kaz jirigwarda kolizzjoni li sehhet fit-18 ta' Lulju, 2002, fiz-Zejtun. Il-vetturi involuti fil-kolizzjoni kienu dik misjuqa mill-attur Francis Barbara bin-numru EBD-462 u dik misjuqa mill-konvenut Mario Cassar bin-numru ABD-643.**
**2. Ma hemmx kontestazzjoni dwar ir-responsabilita, u ghalhekk il-kwistjoni tirrigwarda biss id-danni.**
**3. Jirrizulta illi l-bicca l-kbira tal-hsara kienet fil-bumper. Jirrizulta wkoll illi l-konvenut huwa panel beater, u l-attur kien tkellem mal-konvenut dwar riparazzjonijiet, pero` ma ghogbux dak li kien qed jissuggerixxi l-konvenut bhala xogholijiet, bhal per**

**ezempju meta qallu li jistokkjalu l-bumper flok ma jaghmel wiehed gdid.**

**4. Wayne Attard, Claims Manager mal-Unipol Insurance Agenti ghall Middleaea Insurance plc xehed li huma hallsu skond is-survey. Mistoqsi dwar jekk Andrews Garage, cioe` fejn jahdem il-konvenut, huwiex « approved repairer » dana ikkonferma li huwa..**

**5. Is-Surveyor Omar Mifusd ikkonferma is-survey li ghamel, u spjega li l-hsara kienet fil-bumper ta' wara, fin-number plate lamp, it-tail gate u kellu jigi iccekkjat it-tail gate lock. Hu qal li s-survey huwa korrett hlief dwar l-ammont tal-parts peress li l-ammont li inghata hemm kien approssimattiv. Is-surveyor ikkonferma li l-bumper kellu jinbidel. Il-parts kienu approvati mill-assikurazzjoni.**

**6. Issa huwa veru li wiehed ghandu jaghmel li jista' biex jimminimizza id-danni, pero` dana ma jfissirx li ma jistghax jaghzel hu fejn isewwi, u lanqas ma jfisser li wiehed mghandux jitqieghed fl-istess stat bhal ma kien qabel l-incident. It-Tribunal qed iqies ukoll li l-vettura kienet ila xi tleita jew erba' snin fuq it-triq, u ghalhekk li wiehed ikollu bumper gdid ghall dak li kellu qabel, igibu f'posizzjoni ahjar milli kien. Ta' dan mghandux ihallas il-konvenut fit-total tieghu.**

**7. Ghalhekk tenut kont li l-bumper sewa' mija u tmienja u hamsin lira u disgha u hamsin centezmu (Lm158.59), u tenut kont taz-zmien li kellu l-bumper ta' qabel, it-Tribunal qed inaqqas 20% fuq il-valur, u ghalhekk ghall dak li hu il-bumper l-attur huwa intitolat ghall-mija u sitta u ghoxrin lira u tmienja u tmenin centezmu (Lm126.88). It-Tribunal ma jarax li ghandu jaghmel aggustamenti fuq il-kumpalment. Ghalhekk l-ammont dovut lill-atturi jammonta ghall-erba' mija u sitta u sebghin lira maltija u disgha u sittin centezmu (Lm476.69).**

**Ghaldaqstant peress illi ghall-incident kien jahti unikament il-konvenut, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici, jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident *de quo*, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' erba' mija u sitta u**

**sebghin lira maltija u disgha u sittin centezmu (Lm476.69) bl-imghax legali dekkoribbli mill-lum.**
**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------